# Lino Psaila:

## ir-riċerkatur li ddokumenta l-ġrajjiet ta' fuq il-baħar taż-Żwieten u oħrajn



**Kitba ta' Steve Borg,** Dip. Lis (Melit.), M.A. (Newcastle), PGTS (Hull)

Lino Psaila (1943-2017) huwa magħruf l-aktar kemm bħala l-kittieb ta' bċejjeċ letterarji bid-djalett Żejtuni, kif ukoll minħabba li xerred kemm seta' t-tradizzjoni tat-tajra tal-idejn, il-manuċċa fost it-tfal Żwieten, biex dan il-passatemp jibqa' ħaj. Għamel is-snin twal jirriċerka biex kiteb l-opra letterarja Il-Baħar Rasu Iebsa, li ntebagħ minn Klabb Kotba Maltin fl-1978. Huwa trabba r-raħal t'isfel fiż-Żejtun, sewwasew fi Triq San Luċjan u ħadem ta' ħaddied.

Li kieku jkollok tneħħi l-kitba devozzjonali bil-Malti, li tagħha hawn bil-ħmiel, u tifrex fuq mejda l-kotba ta' natura etnografika, li fihom jagħtu stampa ċara u bla tlaqliq tal-ħajja soċjo-ekonomika tal-poplu tagħna, tinnota li ma hemmx wisq fejn timraħ. Min hu midħla sew tal-Melitensia malajr idurlek fuq Sireni u Serenati ta' Lina Brockdorff, dwar ir-refuġjati Maltin li marru Had-Dingli matul il-gwerra, Biagio Galea b' L-Imdina ta' Tfuliti, il-kitbiet dwar Għawdex ta' Frank Bezzina u ibnu Charles, u Umbrelel fuq Tas-Sliema ta' Charles B. Grech. Hemm oħrajn, però dawn huma fost dawk l-aktar li jissemmew. Magħhom, u bi prominenza, hemm Il-Baħar Rasu Iebsa, ktieb li Psaila baqa' jirriċerka biex jikseb aktar tagħrif ġdid, anki fuq kapitli diġà miktubin.



Lino ma' bintu Rita f'Marsaxlokk (1969)

Fil-fatt il-ktieb reġa' ħareġ fl-1996 u anki fl-2003, b'reviżjoni u stejjer ġodda, xi ħaġa tassew rari fid-dinja tal-kotba Maltin. Lino Psaila kien jaf dwar l-isfida li kellu, biex isawwar ġrajjiet kważi minsijin mix-xejn, billi jiġbor id-dettalji minn fomm in-nies u jagħmel il-verifiċi tiegħu f'dokumenti tal-perjodu biex ikollu l-fatti preċiżi kemm jista' jkun, ġaladarba l-ġeneru tal-kitba huwa fattwali. Hu rnexxielu janimahom bid-djalett Żejtuni u bħal qisek tistħajjel li huwa kien fiċ-ċan magħhom fuq il-baħar b'lapes u karta meta seħħew. Dan minħabba li jikteb fl-ewwel persuna.

Kważi r-rakkonti kollha huma dwar sajjieda li kellhom l-irmiġġ f'Marsaxlokk, u l-parti l-kbira kienu Żwieten jew ta' nisel Żejtuni. Bil-kitba tiegħu huwa ddokumenta bil-fatti li dawn kienu s-sinsla tas-sajd Malti. Però, ejja ma niġrux bil-ħsieb li kull sajjied Xlukkajr għandu demm Żejtuni. Kien hemm numru minnhom b'nisel Żurrieqi u dan għal żewġ raġunijiet. Wieħed għaliex iż-Żrieraq kienu kostretti jorbtu l-opri quddiem il-Magħluq tal-Ballut f'Marsaxlokk, minħabba li ma kellhomx wisgħa biżżejjed biex jirmiġġaw f'Wied iż-Żurrieq u t-tieni raġuni għaliex meta kienu jitilgħu l-pixkerija, ix-xebbiet Żrieraq kienu jiltaqgħu mat-tfajliet Xlukkajri jtellgħu l-ħut fil-kavetti. U minn hemm jitfgħu ħarsithom fuq xulxin, iqabbdu min joħtbilhom u jiżżewġuhom.



Ex-Voto dwar it-tragedja ta' April 1890.

Il-każ taż-Żwieten kien differenti. Psaila jirreferi għal kwadru ex-voto li hemm fil-knisja tal-Madonna tal-Hniena, b'rabta ma' rakkont tal-1891. Huwa jikteb: 'Dan il-kwadru jkompli jikkonfermali li l-maġġoranza



Fl-2012 kien ġie onorat bit-titlu ta' Ġieħ iż-Żejtun għall-ħidma li għamel fil-qasam kulturali u letterarju fuq livell lokali u nazzjonali, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam id-djalett u t-tradizzjoni tal-manuċċa

tas-sajjieda Żwieten kienu ġejjin mir-raħal ta' fuq, anzi biex inkun preċiż, dawn l-erba' sajjieda Ġużeppi Mifsud l-Imrajżi, Anġlu Degabriele, Wiġi Carabott u Ċikku Galea kienu kollha joqogħdu fi triq waħda, jew sqaq kif għadu magħruf sa llum bħala Sqaq il-Waħx.' (Psaila, 2003, pġ. 41). Il-"ħuta dejjem iddur u tarmi l-ilma minn rasha" (ibid. pġ. 42) li werwret lis-sajjieda Żwieten jaf kienet id-denfil ta' Risso (Grampus griseus), li jikber sa nofs tunnellata u rari jidher fl-ibħra Maltin.

Biex Psaila niseġ ir-rakkonti tas-sajjieda li tilfu ħajjithom, jew salvaw mill-qilla tal-baħar, huwa tkellem ma' min salva, jew inkella ma' xjuħ li ftakru dawn l-istejjer minn missirijiethom u tawh xhieda bil-fomm. B'hekk sirna nafu dwar Tonin Attard, imlaqqam Kadanja, imwieled iż-Żejtun fl-1823. Kien hu li fit-2 t'April 1841 fuq dgħajsa bi ħdax-il baħri ieħor, fosthom sitt Żwieten oħra, sab lilu nnifsu bħala r-rajjes tal-opra tal-baħar, imgħobbija tonn minn Sqallija, li kienet inqabdet f'maltemp kbir. U kien Tonin Kadanja li daħħalha fil-Port il-Kbir.

Traġedja kbira li laqtet liż-Żejtun kienet seħħet fit-23 t'April 1885. Dan meta Kamillu Incorvaja, ta' 38 sena, salpa flimkien mal-baħrin tiegħu biex iġibu tagħbija tonn minn Sqallija. Tlett ijiem wara nqabdu minn tromba kbira fuq il-baħar li għolliethom fl-arja u ġabet lid-dgħajsa rmied. Ma' Incorvaja, tilfu ħajjithom Ġorġ Mangion Il-Balla ta' 28 sena, Karmnu Agius Id-Djonis ta' 30 sena, Karmnu Abela Iċ-Ċirott, ta' 35 sena, Toni Fenech Ix-Xanfaj ta' 24 sena, Gejtu Debono Ta' Gerita ta' 39 sena, Martinu Psaila Ta' Fanali ta' 26 sena, Ġanni Carabott Il-Gardell ta' 32 sena, Grezzju Desira Ta' Grezz ta' 27 sena, Ġużeppi Aquilina Tal-Qasam ta' 25 sena, Anġlu Mifsud Tal-Haddied ta' 37 sena u Vitor Mifsud Tal-Inwiet ta' 23 sena. Salva biss Ċensu Spagnol Ta' Maltempu ta' 21 sena, li għam minkejja ferut sa Ras il-Miġnuna, fid-daħla tar-ramla ta' San Tumas. Min jaf x'luttu kbir kien hawn fiż-Żejtun u kif dan Ċensu ndiegħex għal bqija ta' ħajtu!

Psaila jsemmi wkoll lil Ġużeppi Carabott It-Trajde, li kien protagonist fi ġrajja tat-tkexkix. Dwar din il-ġrajja rriżulta li meta kitibha, kien hemm min kellu d-dubju kemm hija vera, tant li jgħidilna: 'Forsi se jkun hawn min jaħseb li hija esaġerata, iżda ngħidilkom li hija verità sagrosanta.' (op. cit. p. 31). Jeħodna lura għall-25 t'April tal-1890 meta Carabott kien fuq il-baħar ftit 'il barra minn Wied il-Għajn, u salva żewġ aħwa, Feliċ u Toni Delia li kienu fuq kajjik kważi mgħarraq minħabba ħuta kbira. Raw b'għajnejhom stess silfjun, razza ta' kelb il-baħar jaħbat għal kajjik ieħor u jiekol żewġ sajjieda Bormliżi li jgħixu Ħaż-Żabbar, Salvu Bugeja u ibnu Wistin.

Wara li Psaila kiteb din il-ġrajja, ħareġ illi fil-Mużew tas-Santwarju f'Ħaż-Żabbar hemm ex-voto mpitter mill-madonnar S. Portelli li jfakkar dan il-fatt li tkellem dwaru It-Trajde. U mhux hekk biss, imma fir-Reġistru tal-Mejtin, miktub bil-Latin mill-kappillan Leopoldu Farrugia, hemm it-tifsira tal-mewta krudili, li ġew miblugħin minn ħuta kemm il-missier u anki l-iben.

Ilaqqagħna wkoll ma' Mattew Psaila L-Akkari, Żejtuni ieħor li fl-1910 mar jgħix Marsaxlokk u li 'huwa meqjus bħala l-oriġinatur tax-xibka tal-lampuki (Coryphaena hippurus) flimkien ma' ċertu Anġlu Gravina, imlaqqam Il-Laj' (op. cit. p. 84). Jekk dan huwa minnu mela allura l-kontribut Żejtuni għas-sajd tradizzjonali jiżdied tassew. Wieħed irid jindaga aktar peress li Potoschi et al (1999) mill-Università di Messina jgħidulna li l-mod kif jinqabdu f'xi nħawi fi Sqallija hu l-istess bħal f'Malta.

Hu x'inhu l-każ huwa tajjeb li naraw min kien Mattew L-Akkari, kif ukoll il-personaġġi Żwieten li jirreferi għalihom Psaila. Min kienu Marija Farrugia Ta' Kasuba, il-familja Caruana Ta' Mastalfju, Salvu Bonnici Il-Mundulier, Saliba l-Werżieq u Ružar Galea Ta' Ċmajra? Xieraq li ritratti u dokumenti eżistenti imma sparpaljati fi kxaxen mudlama mar-raħal, ikunu arkivjati u miġburin bħala l-legat storiku Żejtuni mas-sajd Malti li Lino Psaila ħabbrek tant biex jiġbor għall-memorja kollettiva tagħna.

Biblijografija:

Potoschi, A. et al (1999) 'Sicilian dolphinfish (Coryphaena hippurus) fishery' f'Scientia Marina, 63, pġ. 439-445.

Psaila, Lino (2003) Il-baħar rasu iebsa: edizzjoni riveduta bi stejjer ġodda. Santa Venera: Klabb Kotba Maltin.

Xuereb, Paul (1998) 'Marine monster's attack off Marsascala' f'The Sunday Times, 2 t'Awissu, pġ. 44-45.

Ħajr: lis-Sur Michael Buhagiar, kuratur tal-Mużew tas-Santwarju tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar u lis-Sinjura Rita Psaila Kuhlmann, bint Lino Psaila.

Steve Borg huwa l-kittieb ta' għadd ta' kotba, fosthom Il-Maltin: għemilhom, drawwiethom, ġrajjiethom: l-ewwel volum (2017), mitbugħ minn Klabb Kotba Maltin.

# Insellmu lil ...



## Ġużeppi Mifsud

Ikona Żejtunija. Bniedem ta' karattru uniku li kien jirrispetta lil kulħadd anke dawk li ma kinux jaqblu miegħu, pero' fuq kollox kien bniedem ġenwin għall-aħħar, ta' qalb kbira u dejjem lest biex jgħin. Fuq kollox kellu fidi kbira f'Alla.

Guzeppi kellu karriera brillanti bħala fotografu minkejja li ma kellux it-teknoloġija li għandna llum fejn jidħol dan ix-xogħol. Huwa kien ukoll impjegat bħala pustier. Barra dan kien partitarju akkanit tat-team tal-futbol tal-Brazil u f'żgħożitu għamel xi snin bħala segretarju taż-Żejtun Corinthians Football Club.

Kien kburi li huwa Żejtuni u kien jinteressa ħafna ruħu f'dak kollu li jiġi organizzat ġewwa ż-Żejtun. Kont tieħu pjaċir titkellem miegħu għaliex kien jaf jitkellem fuq bosta suġġetti attwali. Ma kienx joqgħod lura milli jagħmel il-kritika kostruttiva tiegħu fejn kien jara li l-affarijiet mhumiex sewwa speċjalment dawk ġewwa ż-Żejtun. Kellu rispett kbir lejn l-Għaqda tagħna u bosta drabi ta s-servizz tiegħu bla interessi. Bosta huma t-tifkiriet li ħallielna permezz tar-ritratti tiegħu li se nibqgħu ngħożżu. Se nibqgħu niftakruh bħala Ġużeppi l-Amerikan raġel fuq l-irġiel. Guzeppi ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar l-1 ta' Jannar, 2018 fl-eta' ta' 79 sena.



## Id-Dama Frances Grima

Is-Sinjura Frances Grima ser tibqa' mfakkra għall-ħidma volontarja tagħha favur iż-Żejtun u ż-Żwieten. Missierha, Willie Sestito, kien flawtista mal-Banda Beland filwaqt li żewġha Karmenu kien ukoll membru u bandist tal-Beland sakemm twaqqfet il-Banda Żejtun. Infatti Karmenu kien wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda Banda Żejtun u għal bosta snin kien Segretarju tal-istess Għaqda.

Ċertament li s-Sinjura Grima ser tibqa' mfakkra għall-ħidma volontarja tagħha mas-St. John Ambulance ta' liema ngħatat il-ġieħ bħala Dama tal-Ordni ta' San Ġwann f'Ġerusalemm mid-Duka ta' Gloucester fl-Ingilterra fl-1997.

Frances Grima għaddiet għall-ħajja ta' dejjem nhar it-2 t'Awwissu, 2017 fl-eta' venerabbli ta' 102 sena. Il-funeral tagħha kien akkumpanjat mill-Għaqda Banda Żejtun u delegazzjoni mis-Soċjetà Mużikali Beland ipparteċipat fil-korteo u l-funeral tagħha.